Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 21/18

**AVVIŻI**

**27 ta' Mejju 2018**

It-Tnejn 14 ta' Mejju sa ssir it-talba tar-Rużarju fi Triq il-Wardija fil-5.30pm.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju huwa l-54 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Niċċelebraw din il-ġrajja b'quddiesa fil-7pm.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju sa ssir Ċelebrazzjoni Marjana fuq iz-zuntier fis-7.30pm. Din tinkludi talb u kant madwar ix-xbieha tal-Verġni Marija. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni ssir l-inkurunazzjoni. It-tfal huma mistednin iġibu fjura jew xemgħa magħhom. It-tfal sa jingħataw tifkira ċkejkna tal-okkazzjoni.

Il-Ġimgħa 1 ta' Ġunju fil-5pm issir quddiesa tal-ewwel ġimgħa tax-xahar għat-tfal. Fil-5.30pm isiru l-provi tal-Ewwel Tqarbina.

Il-Ħadd 3 ta' Ġunju, Festa tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Ġesù *(Corpus)*, il-quddiesa ta' filgħaxija tkun fil-5.30pm minflok fis-7pm. Wara l-quddiesa ssir purċissjoni b'Ġesù Ewkaristija mat-toroq tal-parroċċa. It-tfal li jkunu rċevew l-Ewwel Tqarbina jieħdu sehem fil-purċissjoni.

Bħas-snin l-oħra, min jixtieq jista' joffri bukkett fjuri biex tiżżejjen il-knisja fil-jiem tal-festa. Min irid jagħmel dan għandu jħalli l-isem li jrid jidher fuq il-biljett flimkien mal-ħlas ta' €35 fis-sagristija sal-10 ta' Ġunju.